1 ta' Marzu, 1952.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
Il-Pulizija *versus* Manwel Agius

**Traffiku — Kolliżjoni — Offiżi — Piena.**

*Il-piena għandha tkun adegwata għar-reat.*

*Il-klemenza żejda, f'akkuża ta' offiża gravi kaġunata b'sewqan imprudenti, tista' tkun kaġun ta' inkoraġġiment għall-leġġerezza u nuqqas ta' sens tar-responsabilità f'min ikun qiegħed isuq vejikolu talmutur, u b'hekk jiżdied il-perikolu tat-traffiku. U l-ġudikant ma jistax ma jieħux fil-gravi konsiderazzjoni tiegħu li wieħed mill-iskopi tal-piena huwa preċiżament dak li tiskoraġġixxi l-perpetrazzjoni tar-reati.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, stante l-gravità talkaż—fejn ġiet kaġunata offiża gravi minħabba sewqan imprudenti—deħrilha li ma kienetx ġustifikata li tissanzjona, bit-tnaqqis talpiena u b'liberalità żejda u barra minn lokha, ebda tendenza għall-leġġerezza fis-sewqan; u għalhekk ċaħdet l-appell ta' l-imputat li kien limitat biex tiġi lilu mnaqqsa l-piena lilu nflitta mill-Maġistrat.*

Il-Qorti — Fuq l-attijiet kompilati kontra Manwel Agius u Arthur Scicluna, fuq l-imputazzjoni illi f'Ħal Qormi, fis-26 ta' April 1951, f'xi s-7.40 a.m., b'imprudenza, negliġenza, u nuqqas ta' osservanza tar-Regolamenti, Manwel Agius waqt li kien qiegħed isuq bus nru. 2789, u Arthur Scicluna waqt li kien qiegħed isuq truck nru. 9796, ħabtu ma' xulxin, u Arthur Scicluna għamel ħsara fil-bus, u Pawlu Caruana, li kien riekeb bħala passiġġier fil-bus nru. 2789, sofra ferita ta' natura gravi minħabba d-dewmien u għax tħalli vizzju tant fl-istruttura kemm fil-funzjoni tad-driegħ tal-lemin li x'aktarx tibqa' għal dejjem, kif iċċertifika l-Professur Dr. Pietru Pawl Debono;

Rat in-nota ta' l-Attorney General tat-28 ta' Diċembru 1951, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, ħalli l-istess tiddeċidi fuq il-ħtija (jew ħtijiet) ta' kompetenza tagħha li jistgħu jinsabu kontra l-imsemmi Manwel Agius taħt dak li hemm maħsub fl-art. 240(1)(a), 232(1)(a)(2), 230(1)(d), u 527(1) tal-Kodiċi Kriminali, u fil-Government Notice nru. 337 ta' l-1940, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza tas-17 ta' Jannar, 1952 tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, li sabet l-imsemmi Manwel Agius ħati talli fil-ġurnata u post indikati fiċ-ċitazzjoni, b'imprudenza, traskuraġni, u inosservanza tar-Regolamenti, waqt li kien isuq bus nru. 2789, ħabat mat-truck nru. 9796 u kkaġuna lil Pawlu Caruana ferita gravi minħabba d-dewmien u għax tħalli vizzju aktarx permanenti fl-istruttura kemm fil-funzjoni ta' driegħu tal-lemin; u wara li rat l-art. 240(1)(a), 232(1)(a)(2), 230(1)(d), 527(1) tal-Kodiċi Kriminali, u l-Government Notice nru. 337 ta' l-1940, ikkundannatu għall-piena ta' xahrejn priġunerija u għall-ħlas lir-Reġistratur ta' dik il-Qorti, fi żmien erba' xhur, ta' l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-espert Felice, ammontanti għal £5. 9. 0;

Rat ir-rikors ta' l-imputat Manwel Agius, li bih dan appella minn dik is-sentenza fuq il-piena biss;

Rat l-attijiet kollha......;

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li mill-fedina penali ta' l-appellant jidher li dan qatt ma kien ġie misjub ħati ta' delitt preċedentement għall-każ in kwistjoni; iżda mill-banda l-oħra l-Qorti hija ta' fehma li l-każ kien gravi; għax ġara minħabba nuqqas ta' kont u ndifferenza li l-appellant wera għall-konsegwenzi fis-sewqan tiegħu, meta għal skopi venali mar isuq bil-qawwi u jaqbeż vejikoli oħrajn fejn it-triq ma kienetx tippermettilu jagħmel dan bla perikolu kbir sew għall-passiġġieri li kellu kemm għall-vejikoli l-oħrajn;

Huwa veru wkoll illi fil-każi msemmija mill-appellant dina l-Qorti, presjeduta diversament, applikat f'każ wieħed il-piena pekunjarja, u f'każ ieħor l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, u ż-żewġ każi jidhru li kellhom konsegwenzi diżastrużi; iżda, apparti l-fatt li din il-Qorti ma għandhiex tidħol

fil-meritu ta' dawk iż-żewġ każi li m'humiex quddiemha, u li setgħu forsi kellhom fattezzi speċjali, din il-Qorti mhix ġustifikata li tissanzjona bit-tnaqqis tal-piena u b'liberalità żejda ebda tendenza għall-leġġerezza fis-sewqan, u lanqas issegwi l-klemenza żejda u barra minn lokha avvokata mill-appellant u riferibbli għal każi gravi. U tabilħaqq, il-piena għandha tkun adegwata għar-reat, u l-klemenza żejda tal-Qorti tista' tkun kaġun ta' inkoraġġiment għall-leġġerezza u nuqqas ta' sens ta' responsabbiltà f'min ikun qed isuq vejikoli tal-mutur, u b'hekk jiżdied il-perikolu tat-traffiku, li preżentement huwa diġà kbir biżżejjed. Il-ġudikant ma jistax ma jieħux fil-gravi konsiderazzjoni tiegħu li wieħed mill-iskopi tal-piena huwa preċiżament li jiskoraġġixxi l-perpetrazzjoni tar-reati;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha.

---